*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ZURRIEQ*

*LAQGHA NUMRU SITTA U ERBGĦIN*

*28 ta' Marzu, 2005*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.10 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Antonia Farrugia, l-Kunsillier Mario Ellul, il-Kunsillier Emanuel Briffa u l-Kunsillier Mark Spiteri.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*MINUTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

***46.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*46.1.1 Il- Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*46.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħat Numru 45 kif imressqa."*

*46.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Antonia Farrugia u għaddiet nem.con.*

*46.1.4 Is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri u s-Segretarju Eżekuttiv għaddew messaġġi ta' ringrazzjament għal ħidma li twettqet kollettivament matul din il-leġislatura.*

*46.1.5 Fi tmiem il-laqgħa saret rakkomandazzjoni mill-Kunsill sabiex il-kuntratt ta' mpjieg tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi mġedded bħala rikonoxximent għal ħidma li wettaq fil-leġislatura.*

*46.1.6 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fil-5.25 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum 29 ta' Marzu, 2005*

*Ignatius Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***